# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, il-Ħamis, 3 ta' Gunju, 2021

**Numru 7**

**Rikors Numru 121/21 TA**

**Charles Grech & Company Limited (C2473)**

**vs**

**(1) Dusk & Dawn Co. Limited (C21800)**
**(2) Joseph Camilleri (ID533455M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Charles Grech & Company Limited (is-Soċjeta' Attriċi) tat-12 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi l-intimati, jew min minnhom, xtraw u akkwistaw minghand il-kumpannija rikorrenti diversi merkanzija;
>
> Illi l-intimati illum jinsab debituri lejn il-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' €23,266.58 (tlieta u ghoxrin elf mitejn u sitta u sittin Ewro u tmienja u hamsin centezmu), u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat Dok, CG1, rapprezentanti bilanc ta' prezz tal-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-intimati;

Illi, l-intimati nonostante li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan id-debitu baqghu inadempjenti;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundana lill-intimati, jew min minnhom, jhallsu lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €23,266.58 (tlieta u ghoxrin elf mitejn u sitta u sittin Ewro u tmienja u hamsin centezmu), u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat Dok, CG1, rapprezentanti bilanc ta' prezz tal-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-intimati, bl-imghaxijiet, bl-ghola rata skond il-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta,ulterjuri mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentati kontestwalment, kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni."

Rat li l-Konvenuti għalkemm notifikati baqgħu ma dehrux għas-seduta tal-24 ta' Mejju 2021;

Rat li l-proċedura saret abbażi tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u cioe' bil-proċedura speċjali sommarja;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet lir-rappresentant tas-Soċjeta' Attriċi jikkonferma bil-ġurament l-ammont li kien għadu dovut;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Din hija kawża ai termini tal-artikli tal-liġi fuq imsemmija bil-proċedura speċjali sommarja. Proċedura li meta l-konvenut ma jidhirx fl-ewwel smiegħ wara li jkun notifikat, il-Qorti jkollha tgħaddi għas-Sentenza bid-dispensa tas-smiegħ. Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2021, il-Qorti semgħet li mill-ammont mitlub kienu saru xi pagamenti fil-mori tal-Kawża b'dana li l-ammont li għadu dovut huwa dak ta' tnejn u għoxrin elf mitejn sitta u sittin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€22,266.58).

Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li t-talbiet Attriċi huma ġustifikati u jimmeritaw li jkunu milqugħa fl-ammont fuq imsemmi. Peress li l-kreditu huwa wieħed kummerċjali, il-konvenuti ser ikunu kkundannati jħallsu *in solidum* bejniethom. L-imgħax għandu jkun b'effett mis-6 ta' April 2020 stante li kreditu hu naxxenti minn obbligazzjoni kummerċjali.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti u cioe':

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' t-tieni** talba Attriċi u tikkundanna lill-Konvenuti jħallsu lis-Soċjeta' Attriċi solidalment bejniethom is-somma ta' tnejn u għoxrin elf mitejn sitta u sittin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€22,266.58) bl-imgħaxijiet legali mis-6 ta' April 2020 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes tal-kawża a' karigu tal-Konvenuti inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru u ieħor ta' qbid kawtelatorju, li ġew presentati kontestwalment mar-rikors ġuramentat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**